

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 15.9.2009
COM(2009) 465 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

APPORT ANNWALI DWAR IL-FOND TA' KOEŻJONI (2008)

[SEC(2009) 1159 finali]

WERREJ

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI RAPPORT ANNWALI DWAR IL-FOND TA' KOEŻJONI (2008).....	3
1. L-eżekuzzjoni finanzjarja tal-perjodu 2000-2006 fl-2008 u l-għeluq tal-proġetti	3
2. L-ambjent ekonomiku u l-kundizzjonalità	8
3. Verifiki u korrezzjonijiet finanzjarji	8
4. Irregolaritajiet notifikati mill-Istati Membri	12
5. Evalwazzjoni	13
6. Informazzjoni u Pubbliċità	14

Ir-Regolament (KE) Nru 1084/2006 li jwaqqaf il-Fond ta' Koeżjoni u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1164/94 ma għandux bżonn il-preżentazzjoni ta' rapport annwali dwar il-Fond ta' Koeżjoni.

Għaldaqstant dan ir-rapport huwa ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1164/1994 u għalhekk ikopri l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni fl-2008, li kienu ġew adottati fil-perjodu 2000-2006 kif ukoll il-proġetti li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA fl-Istati Membri konċernati, inklużi l-Bulgarija u r-Rumanija.

Bħala konsegwenza ta' dan, dan ir-rapport ikopri proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni fit-13-il Stat Membru benefiċjarji kif kien il-każ fl-aħħar tal-2006, jiġifieri l-Greċja, Spanja, il-Portugall, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja, kif ukoll il-Bulgarija u r-Rumanija.

Dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti fl-2008 li kienu ġew adottati fil-perjodu 2000-2006 għal kull Stat Membru huma ppreżentati fl-Anness ma' dan ir-rapport.

1. L-EŻEKUZZJONI FINANZJARJA TAL-PERJODU 2000-2006 FL-2008 U L-GĦELUQ TAL-PROĠETTI

Fl-2008, 15-il Stat Membru kienu eliġibbli biex jirċievu assistenza mill-Fond ta' Koeżjoni (it-12-il Stat Membru li ssieħbu fl-2004 u fl-2007 kif ukoll il-Greċja, il-Portugall u Spanja). Għandu jiġi mfakkar li, bħala riżultat tat-tkabbir ekonomiku, l-Irlanda ma baqgħetx eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2004.

Minħabba li l-impenji kollha għall-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni ffinanzjati fil-perjodu tal-programm 2000-2006 ġew esegwiti sal-31 ta' Diċembru 2006, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Fond ta' Koeżjoni fl-2008 kienu jikkonsistu biss minn approprjazzjonijiet ta' pagamenti.

Pagamenti fl-2008 għal proġetti adottati fil-perjodu 2000-2006

Il-baġit inizjali tal-2008 kien jammonta għal EUR 1 937 miljun. Madankollu, ir-rata ta' preżentazzjoni ta' talbiet għall-pagamenti kienet teħtieġ rinforzi ta' malajr f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti. Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali talab żidiet ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti għal ammont totali ta' madwar EUR 553 miljun. Iż-żieda tal-krediti kienet ir-riżultat globali ta' prestazzjoni tajba inġenerali tal-Istati Membri u dan jgħodd b'mod partikolari għal erba' Stati Membri benefiċjarji li ssuperaw il-previżjonijiet tagħhom, jiġifieri s-Slovenja, is-Slovakkja, il-Litwanja u l-Estonja.

Safejn jikkonċernaw il-linji tal-baġit li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA, fi tmiem is-sena, is-sitwazzjoni rriżultat frata ta' eżekuzzjoni 100 % tal-appropriazzjonijiet disponibbli.

Fl-aħħar tal-2008, ir-rata medja ta' assorbiment (pagamenti vs. impenji) tal-pajjiżi kollha benefiċjarji bħalissa kemm għall-Fond ta' Koeżjoni kif ukoll għal proġetti li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA kienet ta' 66,3 %. Il-Bulgarija tippreżenta l-inqas rata

ta' assorbiment (39,8 %), waqt li Malta turi l-ogħla rata ta' assorbiment b'79,8 %. L-Istati Membri l-oħra jvarjaw minn 50,9 % għal 76,1 % tal-ammont deċiż.

Tabella 1: Implimentazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni u pagamenti li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA fl-2008 (f'€uro)

Appropriazzjonijiet għall-Ħlasijiet	Bidu	Ċaqliq	Riżorsi finali	Riżultat	Imħassra	Trasferimenti għal 2009
Il-Fond ta' Koeżjoni	1.936.747.200	+ 250.000.000 + 300.000.000 + 2.779.418	2.489.526.618	2.489.299.691	-	-
Qabel kienu ISPA	650.000.000	-100.000.000 -10.000.000	540.000.000	531.454.029		
TOTAL	2.586.747.200	+442.779.418	3.029.526.618	3.020.753.720	-	-

It-Tabella 2 turi l-livell ta' pagamenti fl-2008 għal kull Stat Membru. Huma inklużi l-pagamenti magħmula fil-qafas tal-kontribuzzjoni li qabel kienet taqa' taħt l-ISPA billi dawn ġew ilkoll mibdula f' proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni fid-data tal-adeżjoni. L-Istati Membri benefiċjarji ewlenin huma Spanja fost l-Istati Membri UE-3, il-Polonja fost l-Istati Membri UE-10 u r-Rumanija fost l-Istati Membri UE-2.

Tabella 2: Pagamenti magħmula fl-2008 għal Fond ta' Koeżjoni li qabel kien jaqa' taħt l-ISPA għal kull Stat Membru (inkluż assistenża teknika)

Stat Membru	Ambjent		Trasport		Għajnuna Teknika	TOTAL	
	Ammont	%	Ammont	%	Ammont	Ammont	% ta' Total UE 15
Il-Greċja	81.235.894	40,7%	115.853.539	58,0%	2.518.623	199.608.056	6,6%
Il-Portugall	121.124.899	62,3%	73.149.733	37,6%	181.537	194.456.170	6,4%
Spanja	401.570.546	62,3%	242.969.772	37,7%		644.540.318	21,3%
UE 3	603.931.339	58,1 %	431.973.044	41,6 %	2.700.160	1.038.604.543	34,4%
Ċipru	5.814.955	65,0%	3.134.086	35,0%		8.949.040	0,3%
Ir-Repubblika Ċeka	86.699.762	50,3%	84.954.613	49,3%	633.784	172.288.158	5,7%
L-Estonja	38.398.994	54,6%	29.140.155	41,4%	2.765.566	70.304.714	2,3%
L-Ungerija	40.777.254	51,3%	36.533.591	46,0%	2.110.617	79.421.462	2,6%
Il-Latvja	64.544.604	64,5%	32.774.486	32,8%	2.746.852	100.065.942	3,3%
Il-Litwanja	114.458.156	62,2%	61.109.392	33,2%	8.370.251	183.937.800	6,1%
Malta	5.212.565	99,4%		0,0%	29.765	5.242.331	0,2%
Il-Polonja	528.130.703	67,3%	247.053.953	31,5%	9.419.180	784.603.837	26,0%
Is-Slovakkja	82.362.076	53,1%	71.696.734	46,3%	927.381	154.986.191	5,1%
Is-Slovenja	22.326.262	45,3%	26.911.481	54,7%		49.237.743	1,6%
UE 10	988.725.331	61,4 %	593.308.491	36,9 %	27.003.396	1.609.037.218	53,3%
Il-Bulgarija	30.643.656	57,3%	6.944.044	13,0%	15.863.224	53.450.924	1,8%
Ir-Rumanija	180.683.377	56,5%	122.030.336	38,2%	16.947.321	319.661.035	10,6%
UE 2	211.327.034	56,6 %	128.974.380	34,6 %	32.810.545	373.111.959	12,4%
TOTAL	1.803.983.704	59,7 %	1.154.255.915	38,2 %	62.514.101	3.020.753.720	100,0%

Impenji pendenti mill-perjodu 2000-2006

Fl-aħħar tal-2008, l-impenji pendenti ("*reste à liquider*", RAL) li jikkorrispondu mal-perjodu 2000-2006 (inklużi żewġ Stati Membri ġodda: il-Bulgarija u r-Rumanija) ammontaw għal EUR 11,77 biljun, li niżlu mill-2007 (EUR 14,80 biljun). Il-qafas regolatorju tal-2000-2006 għall-impenji u għall-pagamenti jimplika stokk

relattivament kbir ta' impenji pendenti. Dawn huma ugwali għall-ammont li jikkorrispondi għal kważi tliet snin ta' impenji.

Tabella 3: Il-Fond ta' Koeżjoni u ammonti aċċettati li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA mill-2000 sa l-2006 (inkluż ir-RAL)

Stat Membru	Nett Impenjat (sa 12/2008)	Mħallsa (sa 12/2008)	RAL Kif kien fil- 31/12/2008
Il-Greċja	2.503.744.174	2.450.738.235	1.152.286.728
Spanja	11.788.531.423	9.838.026.775	3.094.434.304
L-Irlanda	573.575.321	570.010.223	55.745.185
Il-Portugall	3.156.539.424	2.427.127.170	1.077.862.318
UE 4	18.022.390.343	15.285.902.403	5.380.328.535
Ċipru	54.014.695	31.793.262	22.221.433
Ir-Repubblika Ċeka	1.228.077.241	796.786.963	431.290.278
L-Estonja	427.034.848	289.151.602	137.883.246
L-Ungerija	1.482.597.185	780.102.018	702.495.167
Il-Latvja	713.862.336	499.522.087	214.340.249
Il-Litwanja	846.449.583	559.974.524	265.380.251
Malta	21.966.289	17.529.702	4.436.587
Il-Polonja	5.634.539.614	2.871.741.538	2.762.798.076
Is-Slovakkja	766.250.297	539.212.844	227.037.453
Is-Slovenja	254.198.103	162.579.583	91.618.520
UE 10	11.428.990.190	6.548.394.123	4.859.501.260
Il-Bulgarija	879.941.333	350.021.546	529.813.137
Ir-Rumanija	2.043.037.858	1.040.128.078	1.002.599.040
UE 2	2.922.979.191	1.390.149.624	1.532.412.177
TOTAL	32.374.359.723	23.224.446.150	11.772.241.972

Għeluq ta' proġetti mill-perjodu 2000-2006

Matul l-2008, 49 proġett tal-Fond ta' Koeżjoni u oħrajn li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA ġew magħluqa, u dawn jirrappreżentaw madwar EUR 750 miljun tal-pagamenti. Fl-aħħar tal-2008, l-għadd totali ta' proġetti CF magħluqa għall-perjodu 2000-2006 (inklużi proġetti li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA) laħaq il-216 u n-numru ta' proġetti li baqgħu miftuħa naqas għal 976 minn 1 192 proġett. It-Tabella 4

telenka informazzjoni dwar proġetti magħluqin sal-aħħar tal-2008 skont kull Stat Membru.

Tabella 4: Numru ta' proġetti CF magħluqin sal-aħħar tal-2008 (inklużi dawk li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA)

Stat Membru	Numru totali ta' proġetti CF	Proġetti magħluqa sa minn tmiem l-2008		Numru ta' proġetti miftuħa fl-aħħar tal-2008
		Għadd ta' proġetti	Total imħallas bl-Ewro	
Il-Greċja	124	34	886.825.780	90
Spanja	407	80	2.363.473.998	327
L-Irlanda	10	3	250.368.797	7
Il-Portugall	109	24	580.082.620	85
UE 4	650	141	4.080.751.195	509
Ir-Repubblika Ċeka	58	14	192.671.263	44
L-Estonja	37	14	75.086.815	23
Ċipru	2	0	0	2
Il-Latvja	46	10	44.331.604	36
Il-Litwanja	51	9	82.084.499	42
L-Ungerija	47	10	11.153.890	37
Malta	3	0	0	3
Il-Polonja	130	5	27.825.974	125
Is-Slovenja	28	6	55.213.444	22
Is-Slovakkja	39	4	6.880.841	35
UE 10	441	72	495.248.330	369
Il-Bulgarija	38	1	950.121	37
Ir-Rumanija	63	2	1.794.822	61
UE 2	101	3	2.744.943	98
TOTAL	1.192	216	4.578.744.468	976

2. L-AMBJENT EKONOMIKU U L-KUNDIZZJONALITÀ

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/97, li jistipula r-regoli tal-Fond ta' Koeżjoni approvati qabel l-aħħar tal-2006¹, jagħti kundizzjonijiet għal politika baġitarja għall-ħruġ ta' flus mill-Fond. Dan jipprevedi li "l-ebda proġett ġdid jew, fil-każ ta' proġetti importanti, l-ebda stadju ta' proġett ġdid ma għandu jiġi ffinanzjat mill-Fond fi Stat Membru fil-każ li l-Kunsill, huwa u jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, isib li l-Istat Membru [...] ma implimentax [il-programm ta' stabbiltà jew ta' konverġenza tiegħu] b'tali mod biex jevita defiċit eċċessiv". Lejn tmiem l-2008, Stat Membru wieħed eliġibbli għal għajnuma taħt il-Fond ta' Koeżjoni (l-Ungerija) baqa' fil-proċedura tad-defiċit eċċessiv (PDE) li, skont ir-Regolament imsemmi hawn fuq, tista' taħt ċerti ċirkostanzi tkun assoċjata mas-sospensjoni ta' trasferimenti mill-Fond. Madankollu ma kienx hemm il-ħtieġa li tiġi addottata tali miżura billi l-Kunsill, fuq il-bażi tat-tagħrif disponibbli, iddeċieda li l-gvern Ungeriż kien aġixxa b'mod konsistenti mar-rakkomandazzjoni tiegħu. Kif hemm innutat fir-rapport annwali ta' qabel, il-Kunsill iddeċieda li jħassar il-PDE għas-Slovakkja, il-Portugall, il-Polonja u r-Repubblika Ċeka f'Lulju 2008.

L-Ungerija daħlet fil-PDE immedjatament mal-adeżjoni fl-2004, u dan fuq il-bażi tad-defiċit ġenerali tal-gvern ta' 5.9% għall-2003. Minn dakinhar, in-nuqqasijiet tal-Ungerija fit-teħid ta' miżuri effettivi bħala risposta għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill kienu osservati f'żewġ okkażjonijiet, f'Jannar 2005 u Novembru 2005. L-Ungerija, billi mhix membru taż-żona euro, għandha deroga speċifika mill-applikazzjoni ta' miżuri ulterjuri tal-PDE. F'Lulju 2007, il-Kunsill ħareġ sett ġdid ta' rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 104(7) tat-trattat. Fl-ebda waħda miż-żewġ okkażjonijiet il-Kummissjoni ma rrakkomandat lill-Kunsill is-sospensjoni tal-impenji tal-Fond ta' Koeżjoni. F'Lulju 2009 il-Kunsill iddeċieda, fid-dawl tal-kriżi ekonomika, li joħroġ terminu ġdid ta' skadenza tal-2011 biex itemm id-defiċit eċċessiv skont l-Artikolu 104(7).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006, li jistipula r-regoli għall-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013², iċċara bosta inċertezzi li kien hemm fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kundizzjonalità tal-Fond ta' Koeżjoni fl-imgħoddi. Dan jipprevedi li, wara deċiżjoni skont l-Artikolu 104(8) il-Kummissjoni tista' tipproponi s-sospensjoni tal-appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jissospendi l-impenji kollha, jew partijiet minnhom, b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara d-deċiżjoni. Jekk sussegwentement il-Kunsill isib, fil-kuntest tal-PDE, li l-Istat Membru ħa l-azzjoni korrettiva meħtieġa, dan awtomatikament jimplika deċiżjoni li tkun revokata s-sospensjoni tal-impenji tal-Fond ta' Koeżjoni. Ġew stabbiliti regoli għal stima mill-ġdid tal-impenji sospiżi.

3. VERIFIKI U KORREZZJONIJIET FINANZJARJI

L-2008 kienet sena ta' sovrapożizzjoni bejn il-ġestjoni tal-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni għas-snin 2000-2006 inkluża t-tnejn għall-għeluq tagħha, u l-ftuħ tal-perjodu ta' programmazzjoni għas-snin 2007-

¹ Ibbażat fuq l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 tal-11 ta' Lulju 2006.

13. Il-ġestjoni u l-ambjent ta' kontroll fil-post fl-2008 kien għalhekk maħsub biex jindirizza kemm ir-riskji relatati mat-tnejja għall-għeluq tal-programmi tal-imgħoddi kif ukoll il-proġetti u r-riskji ta' twaqqif ta' sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fil-programmi l-ġodda.

Xogħol ta' verifika għall-perjodu ta' Programmazzjoni 1994-1999 – UE 4 (il-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall, Spanja).

L-inkjesta dwar l-għeluq tal-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 1994-1999 kopriet l-10 % tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni li jirrappreżentaw 20 % tal-ispiża kofinanzjata matul l-istess perjodu. L-istħarriġ kien finalizzat fl-2003 u n-nuqqasijiet prinċipali misjuba kienu verifiki amministrattivi insuffiċjenti li waslu għal spejjeż mhux eliġibbli u ksur tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja li jirriżultaw mill-inkjesta tal-għeluq ġew konklużi matul l-2008, ħlief għal tliet proġetti li fadal (tnejn fi Spanja, wiehded fil-Portugall) li se jiġu ffinalizzati fl-2009.

Xogħol ta' verifika għall-perjodu ta' Programmazzjoni 2000-2006 – UE 14 (UE 10 + UE 4).

Għall-Istati Membri UE-14 fl-2008, ġew imwettqa erba' missjonijiet ta' verifika li ffokaw fuq is-segwitu ta' rakkomandazzjonijiet ta' verifika li kienet saret qabel. Barra minn hekk, ġew magħmula ħames missjonijiet għar-reviżjoni ta' entitajiet tat-tlestija biex jivverifikaw il-preparazzjoni tal-Istati Membri għall-għeluq u biex jidentifikaw u jtaffu r-riskji relatati.

Fl-2008, id-DĠ għal Politika Reġjonali eżamina d-dikjarazzjonijiet tat-tlestija ppreżentati għall-għeluq ta' proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni 2000-2006, li minnhom 60 (li jirrappreżentaw 5 % tal-proġetti kollha CF) huma relatati mal-proġetti Spanjoli.

Xogħol ieħor ta' verifika għall-perjodu ta' programmazzjoni għas-snin 2000-2006 jinkludi l-eżaminar tar-rapporti annwali ta' kontroll riċevuti skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1386/2002. Sa tmiem l-2008, il-maġġoranza tar-rapporti kienu analizzati, u r-risposti mibgħuta lill-Istati Membri b'osservazzjonijiet u, fejn meħtieġ, bit-talbiet għal informazzjoni addizzjonali biex tkun tista' titfassal l-assigurazzjoni kollha possibbli mir-riżultati tal-ħidma ta' verifika nazzjonali. Barra minn hekk, numru ta' rapporti dwar is-sistema ta' verifika nazzjonali ġew riċevuti fl-2008.

L-aħħar laqgħa minn dawk ta' koordinazzjoni bilaterali annwali mad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali għas-sena 2007 saret fi Frar 2008. Billi l-2008 kienet sena tranżitorja, ġie deċiż li jiġu skedati mill-ġdid il-laqgħat ta' koordinazzjoni bilaterali għall-2008 għall-ewwel nofs tal-2009. Il-laqgħat bilaterali jsiru kull sena mal-awtoritajiet ta' verifika nazzjonali u permezz tagħhom isir skambju ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-ħidma ta' verifika u jiġi diskuss il-progress dwar il-kampjuni tal-kontrolli u dak li jkun irriżulta mill-verifika. Il-laqgħat fl-2009 se jkopru kwistjonijiet li jikkonċernaw żewġ perjodi ta' programmazzjoni l-2000-2006 u l-2007-2013.

Impatt tal-kontrolli

Korrezzjonijiet finanzjarji

Fl-eżerċizzju tar-rwol superviżorju tagħha, id-DG għal Politika Reġjonali timplimenta politika ta' sospensjoni ta' ħlasijiet *interim* u tapplika korrezzjonijiet finanzjarji hekk kif ikun stabbilit li hemm nuqqasijiet serji li jpoġġu friskju r-rimborżi tal-Fondi magħmula lill-Istati Membri. Stabbilixxiet ukoll manwal rivedut tal-proċeduri biex jiġu ssimplifikati l-arranġamenti interni għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' 'sospensjoni u korrezzjoni.

Fejn, wara verifiki meħtieġa, il-Kummissjoni ssib li l-infiq iċċertifikat fl-applikazzjoni ta' pagament *interim* huwa marbut ma' irregolarità serja u ma tkun qed tittieħed l-ebda azzjoni korrettiva immedjata mill-Istat Membru, tiġi mnedija s-sospensjoni formali tal-proċedura tal-pagamenti. Matul l-2008 id-DG REGIO adotta sospensjoni waħda ta' deċiżjoni għall-Fond ta' Koeżjoni u din kienet tikkonċerna lill-Bulgarija fir-rigward ta' żewġ proġetti fis-settur tat-toroq.

Fl-2008 kienu saru korrezzjonijiet finanzjarji li jammontaw għal EUR 92,7 miljun bħala segwitu għall-verifiki mill-Kummissjoni jew mill-Qorti jew l-Awdituri jew għall-inkjesti tal-OLAF. Minn dan it-total, EUR 38,2 miljun relatati għal proġetti tal-perjodu ta' programmazzjoni 1994-99 u EUR 54,5 miljun għall-perjodu 2000-2006 Il-korrezzjonijiet jew kienu applikati mid-deċiżjonijiet formali tal-Kummissjoni (EUR 66,2 miljun) jew kienu ġew aċċettati mill-Istati Membri mingħajr il-ħtieġa ta' deċiżjoni (EUR 26,5 miljun).

Erba' deċiżjonijiet ta' korrezzjoni finanzjarja relatati ma' proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni 1994-1999 kienu adottati għall-ammont ta' EUR 31,5 miljun u disgħa għall-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 għall-ammont ta' EUR 34,7 miljun.

Mis-EUR 26,5 miljun ta' korrezzjonijiet aċċettati mill-Istati Membri EUR 6,7 miljun huma relatati għall-1994-1999 u EUR 19,8 miljun għall-2000-2006. Dawn huma implimentati permezz ta' tnaqqis mit-talbiet għall-pagamenti jew mill-bilanċ li jrid jitħallas fl-għeluq.

It-Tabella 5 turi l-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji skont l-Istati Membri u l-perjodu ta' programmazzjoni.

Tabella 5: Korrezzjonijiet Finanzjarji tal-Fond ta' Koeżjoni fl-2008 skont il-perjodu u l-pajjiż (in EUR)

Stat Membru	Il-Fond ta' Koeżjoni		TOTAL
	Perjodu 2000-2006	Perjodu 1994-1999	
Il-Greċja	23,405,436	5,674,477	29,079,913
Spanja	19,927,164	32,483,151	52,410,315
L-Irlanda	-	-	-
Il-Portugall	11,062,188	-	11,062,188
UE 4	63,259,764	38,157,628	92,552,416
Ċipru	-	-	-
Ir-Repubblika Ċeka	-	-	-
L-Estonja	125,073	-	125,073
L-Ungerija	-	-	-
Il-Latvja	-	-	-
Il-Litwanja	65,833	-	65,833
Malta	-	-	-
Il-Polonja	123	-	123
Is-Slovenja	-	-	-
Is-Slovakkja	-	-	-
UE 10	191,029	-	191,029
Il-Bulgarija	6,156	-	6,156
Ir-Rumanija	-	-	-
UE 2	6,156	-	6,156
TOTAL	54,591,973	38,157,628	92,749,601

Is-sistemi ta' Ġestjoni u ta' Kontroll

Fir-Rapport tal-Attività Annwali tad-Direttorat Ġenerali għall-2008, għall-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll (2000-2006), ġiet mogħtija opinjoni mhux kwalifikata għall-Fond ta' Koeżjoni f'seba' Stati Membri (Ċipru, l-Estonja, l-Ungerija - is-settur tat-trasport, il-Latvja, Malta, il-Portugall u s-Slovenja), u din tfisser li ma hemm l-ebda nuqqasijiet materjali fl-elementi ewlenin tas-sistema u din tikkorrispondi għal 15,45 % tal-ħlasijiet magħmula fl-2008 bħala proporzjon tal-pagamenti totali għall-Fond ta' Koeżjoni.

Għal 10 Stati Membri, li jirrappreżentaw 84,55 % tal-pagamenti CF magħmula fl-2008, l-opinjoni kienet kwalifikata, li tfisser l-eżistenza ta' nuqqasijiet materjali fl-elementi ewlenin tas-sistema. Din ikkonċernat lill-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, l-Ungerija (is-settur tal-ambjent), l-Irlanda, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u Spanja. Fil-każijiet kollha l-impatt tan-nuqqasijiet kien iġġudikat bħala moderat, ħlief għas-settur tat-toroq fil-Bulgarija.

Għas-settur tat-toroq fil-Bulgarija l-opinjoni kienet kwalifikata permezz tal-impatt tan-nuqqasijiet materjali li jaffettwaw l-elementi ewlenin tas-sistema li kienet qiegħda tkun iġġudikata b'mod sinifikanti. Għaldaqstant, kienet magħmula riserva għas-settur tat-toroq fil-Bulgarija fir-Rapport Annwali ta' Attività tad-Direttorat Ġenerali għall-2008. Il-Kummissjoni ssospendiet il-pagamenti għall-proġetti Bulgari tas-settur tat-toroq bejn Lulju 2008 u Mejju 2009 għal din ir-raġuni.

Detalji dwar il-verifiki u l-korrezzjonijiet finanzjarji għal kull Stat Membru huma ppreżentati fl-Anness għal dan ir-rapport.

4. IRREGOLARITAJET NOTIFIKATI MILL-ISTATI MEMBRI

Fl-2008, l-Istati Membri rrappurtaw lill-Kummissjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1831/94, 140 notifika ta' irregolarità li jinvolvu l-ammont totali affettwat ta' EUR 56 328 911 fir-rigward tal-proġetti kofinanzjati. Minn dan l-ammont, EUR 19 768 042 ġew irkuprati, u l-kumpliment għad iridu jiġu rkuprati. L-Istati Membri li rrappurtaw il-maġġoranza tal-każijiet huma Spanja, il-Portugall, l-Ungerija u l-Greċja (64, 22, 13 u 12 rispettivament). Spanja rrappurtat aktar minn 46 % tat-total tal-każijiet u 44 % tal-ammont involut. Madankollu, għandu jiġi osservat li l-Irlanda, bi tliet notifiki li għandhom x'jaqsmu mal-perjodu 1994-1999, tinsab fit-tieni l-ogħla livell f'termini ta' ammont involut, segwita mil-Litwanja.

In-numru ta' notifiki juri żieda, bi tnaqqis radikali tal-ammont involut, imqabbel mas-sena preċedenti. It-tipi ewlenin ta' irregolaritajiet irrapportati huma nefqa ineliġibbli, u l-ksur tar-regoli għall-akkwist pubbliku. Dawn iż-żewġ tipoloġiji jkopru kważi 75 % tal-każijiet kollha rrappurtati. Madankollu, l-awtoritajiet Litwani rrappurtaw żewġ każijiet ta' "frodi suspetti". L-ammont involut li jikkonċerna ż-żewġ każijiet għad irid jiġi kkalkulat.

It-Tabella 6 turi l-għadd ta' irregolaritajiet u l-ammonti finanzjarji relatati komunikati mill-Istati Membri taħt ir-Regolament (KE) Nru 1831/94 fl-2008.

Tabella 6: Irregolaritajiet ikkomunikati mill-Istati Membri fl-2008 (f'EUR)

Stat Membru	Għadd ta' irregolaritajiet	Ammonti finanzjarji	Ammonti li qegħdin jistennew rkupru
Il-Greċja	12	4,937,771	326,398
Spanja	64	24,827,955	14,442,900
L-Irlanda	3	9,498,140	0
Il-Portugall	22	5,655,879	2,602,188
UE 4	101	44,919,745	17,371,486
Ċipru	0	0	0
Ir-Repubblika Ċeka	2	88,210	0
L-Estonja	2	129,614	0
L-Ungerija	13	1,400,938	1,033,292
Il-Latvja	5	86,279	86,279
Il-Litwanja	8	8,280,568	47,056
Malta	0	0	0
Il-Polonja	7	214,754	65,550
Is-Slovenja	0	0	0
Is-Slovakkja	2	1,208,803	1,164,379
UE 10	39	11,409,166	2,396,556
TOTAL	140	56,328,911	19,768,042

5. EVALWAZZJONI

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jagħmlu stima u valutazzjoni tal-proġetti kollha kofinanzjati. Il-proġetti li se jkunu ffinanzjati mill-Fond ikunu adottati mill-Kummissjoni bi ftehim mal-Istati Membri benefiċjarji.

Kull talba għal assistenza hija akkumpanjata minn analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji (CBA – cost-benefit analysis) tal-proġett. Is-CBA trid turi li l-benefiċċji soċjo-ekonomiċi fil-medda medja ta' żmien huma proporzjonali mar-riżorsi finanzjarji mobilitati. Il-Kummissjoni tevalwa din is-CBA fuq il-bażi tal-prinċipji mniżżla fil-gwida għall-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji. Din il-gwida, ippublikata għall-ewwel darba fl-2003, kienet aġġornata fl-2008 biex tinkorpora l-iżviluppi tal-politika Komunitarji, strumenti finanzjarji u l-istruttura regolatorja ġdida li taħtha l-proġetti l-kbar iridu jkunu ffinanzjati fil-perjodu tal-programm 2007-2013.

Matul l-2008, il-Kummissjoni kompliet tassisti lill-Istati Membri permezz ta' azzjonijiet ta' bini ta' kapaċità li kienu mmirati biex itejbu l-konsistenza ta' analiżijiet finanzjarji u ekonomiċi *ex-ante* tal-proġetti. Bħala riżultat, il-Gwida malajr laħqet ċirkolazzjoni usa, kemm fost il-ħaddiema tas-servizz pubbliku fl-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati kif ukoll fost il-persunal ta' istituzzjonijiet finanzjarji u konsulenti involuti fil-preparazzjoni u l-valutazzjoni ta' proġetti kbar. Ġiet ippubblikata verżjoni stampata tal-Gwida, li ttiprovdi gwida metodoloġika lill-promoturi tal-proġetti fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati, filwaqt li sservi bħala referenza għall-uffiċjali tal-Kummissjoni involuti fil-valutazzjoni ta' proġetti kbar.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tesegwixxi valutazzjoni qabel il-valutazzjoni finali tal-proġett fuq kampjuni ta' proġetti kofinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni. L-aħħar valutazzjoni kienet ippublikata fl-2005 u kkunsidrat kampjun ta' 200 proġett implimentati matul il-perjodu 1993-2002. Il-valutazzjoni simili li jmiss se tiġi mnedija fl-2009 u se tikkunsidra kampjun kemm tal-Fond ta' Koeżjoni kif ukoll tal-proġetti ISPA implimentati matul il-perjodu 2000-2006.

6. INFORMAZZJONI U PUBBLIĊITÀ

Kif indikat fir-rapport annwali għall-2007, kwistjonijiet dwar il-Fond ta' Koeżjoni, mill-1 ta' Jannar 2007, se jiġu ttrattati fil-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Fondi (COCOF, skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006)

Apparti mill-kwistjonijiet ta' interess komuni għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, xi kwistjonijiet ta' interess speċifiku għall-Fond ta' Koeżjoni ġew ippreżentati jew diskussi matul il-laqgħat segwenti tal-COCOF: fi Frar il-"Linji Gwida (riveduti) għall-emenda ta' proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni 2000-2006", u f'April il-"Linji Gwida dwar l-għeluq tal-Fond ta' Koeżjoni u proġetti li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA 2000-2006", li ġew adottati mill-Kummissjoni fl-4 ta' April (Nru (SEC(2008) 415).

Fir-rigward tal-miżuri tal-Kummissjoni dwar informazzjoni u pubbliċità, il-punt fokali fl-2008 kien fuq l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' pubbliċità għall-perjodu 2007-2013. Waħda mill-akbar sfidi kien l-eżami tal-kompatibbiltà tal-pjanijiet ta' komunikazzjoni, kif mitlub mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006. Netwerk ta' uffiċjali tal-komunikazzjoni responsabbli għall-implimentazzjoni tal-informazzjoni u regoli ta' pubbliċità għall-FRŻR u l-Fond ta' Koeżjoni ("INFORM") ltaqa' f'Ġunju u f'Novembru. Id-DĠ għal Politika Reġjonali ppubblika "Reviżjoni tal-Pjani tal-Komunikazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE 2007-2013 - Attivitàjiet tal-awtoritajiet ta' ġestjoni nazzjonali u reġjonali fil-qasam tal-komunikazzjoni." Ir-reviżjoni, il-materjal mil-laqgħat tal-INFORM, kif ukoll id-diversi għodod ta' informazzjoni u pubbliċità preparati kemm għall-Fond ta' Koeżjoni u l-FEŻR, huma disponibbli fuq il-websajt iddedikata għal dan³.

³

http://ec.europa.eu/regional_policy/country/commu/index_en.cfm?nmenu=1